**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 28**

**13 ta' Novembru 2025**

Il-laqgħa numru 28 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Ħamis 13 ta' Ottubru 2025 fl-10.00am.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Miriam Camilleri - Viċi Sindku
Matthew Bugeja - Kunsillier
Nazzareno Bugeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **28** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija imma Daniel Zerafa informa li kien ser jasal tard |
| | |
| **28.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |

| | |
|---|---|
| | Kien hemm xi korrezzjonijiet grammatikali żgħar li ġew irranġati |
| | |
| **28.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| | Is-Sindku informa li kien hemm sidien operatur tal-*boat trips* li kien ġie ikkuntattjat fuq petizzjoni li huma xtaqu jagħmlu sabiex issir venda. Din il-petizzjoni inqrat lil-kunsilliera. Huma qablu li din il-petizzjoni tiġi indirizzata lil *Transport Malta* u jiġi ikkupjat fiha l-kunsill lokali. Il-kunsilliera qablu ukoll li jagħtu direzzjoni lil dawn l-operaturi li sakemm issir din il-petizzjoni u tiġi preżentata lil *Transport Malta* l-operaturi għandhom ukoll jibdew il-proċedura sabiex issir kooperattiva. |
| | Is-Sindku irrefera għad-deċiżjoni tal-laqgħa ta' qabel fejn qal li xtaq jgħid u jiklarifika li t-tariffi imposti huma bi qbil mal-kunsill kollu u wara li l-kunsill tkellem mas-sajjieda u mal-kooperattiva. Iċ-ċifri naqsu minn dawk li riedu u issuġġerew is-sajjieda.<br><br>Is-Sindku qal li hemm bżonn ukoll li l-kunsill jiddeċiedi fuq l-iżgombru fix-xatt mir-restoranti. In-naħa tal-bankina fejn hemm il-partitions ir-restoranti iridu jibqgħu fil-limiti tal-partitions. Hekk dawn jinqabżu kien hemm bżonn li l-kunsill jiġi preżentat ittra mis-sid/resident li jogħoqod ħdejn ir-restorant li quddiemu kienu ser isiru l-imwejjed u siġġijiet, li fuqha jinħareġ il-permess mill-kunsill lokali. Ser isiru ukoll rati għal minn joħroġ il-barra mil-parition. Għalhekk sabiex tarma fuq il-bankina l-barra mill-partition wieħed irid ikollu, permess mis-sid/resident, permess mill-kunsill lokali kif ukoll jitħallsu tariffi imposti. Il-passaġġ irid jitħalla liberu f'kull ħin. Fuq dan kien hemm qbil f'4 voti favur u xejn kontra.<br><br>Is-Sindku kompla li n-naħa tal-baħar is-sit stabbilit irid jiġi naddaf u żgumbrat kompletament filgħaxija u mhux jitħallew mas-siġar. Hekk dan ma jsirx ser ikun hemm charge. Bħala ħinijiet ix-xatt irid jiġi żgumbrat bejn 01.00 u 08.00. Fuq dan kien hemm vot.<br>Vot: 3 favur, u astensjoni<br><br>Is-Sindku qal li l-operaturi tad-dgħajjes mhux kollha reġgħu ġeddu l-permessi u lanqas qed jobdu regolamenti. Għalhekk kien hemm qbil li l-permessi iridu jiġu mġedda, u regolamenti ta' fuqhom iridu jiġu osservati. Fost dawn ir-regolamenti hemm ukoll li l-umbrelel iridu jkunu blu skur, qies tal-imwejjed, kif ukoll li jiżżarma kollox. |
| | Is-Sindku qal li wara laqgħa ma Infrastructure Malta ġie ikkonfermat li Triq il-Luzzu, Triq San Piju X u Triq ix-Xerriek ser ikunu qed jinqalgħu minn Jannar li ġej. |
| | Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill irċieva email fejn l-Enemalta infurmat li kienu ser jinqalgħu id-dwal kollha tat-toroq sabiex jiġu kollha l-istess |
| | Is-Sindku informa lil kunsill lis-Sur Frank Fabri talab laqgħa miegħu sabiex jiddiskuti l-proġett li għandom flok il-jogging track u hu stieden lis-Sur Frank Fabri sabiex jitkellem fil-laqgħa. Is-Sur Fabri qal li xi xhur ilu kien iltaqa' mad- |

| | |
|---|---|
| | DES, s-sindku kif ukoll Reno Bugeja u kien hemm oġġezzjonijiet minn naħa tagħhom għal bini ta' sit għax il-kunsill ried ġnien. Hu qal li fuq is-sit kien hemm permess għal boat yard u huma kien u qed jipproponu li fuq is-sit issir binja ta' 2 sulari taħt l-art u 3 sulari fuq l-art, li sular minnhom kien spazju miftuħ għal pubbliku u 40 parkeġġ ġdid li setgħu jiġu utilizzati barra l-ħin tax-xogħol.<br><br>Mal-livel tal-art kien se jkun hemm ġnien pubbliku u latrini pubbliċi kif ukoll 20 parkeġġ. Siġar u pjanti kienu ser ikunu kollha indiġeni u kienu ser jaqblu mal-morfoloġija tal-akwata. Mill-binjiet mhux ser ikun hemm storbju u lanqas irwejjaħ.<br><br>Reno Bugeja saqsa lis-Sur Fabri, hekk qabel iddeċidew fuq dan is-sit, li l-kunsill kellu permess għal bini għalih sa 2027, hu kienx jaf li kien hemm dan il-permess tal-kunsill għal ġnien? Is-Sindku qal li dan fuqu kien hemm kawża li ntrebħet bil-qorti. Matthew Bugeja qal li fuq is-sit kien hemm permessi PA1125/18 mid-DPA għal boat yard u parti ġnien u permess ieħor tal-kunsill PA 1017/07 li hu validu sa 2027 li ma jinkludi l-ebda sit industrijali. Matthew Bugeja saqsa lis-Sur Fabri x'ser jiġri mit-torri ta' San Luċjan? Kien hemm siti oħra li ġew ikkunsidrati?<br><br>Daniel Bugeja ikkummenta ukoll li dan proġett kbir u mhux tajjeb għal Marsaxlokk għax il-villaġġ ma kien ser jieħu xejn. Il-local plan jiddetta li ma jsirx bini industrijali fejn kien qed jiġi propost il-proġett. Reno Bugeja saqsa ukoll ta' min kienet l-art u s-Sur Fabri kien qal li l-art kienet pubblika. Matthew Bugeja qal li kien ser jerġa jsaqsi d-domanda ta' qabel għax kien bla risposta u għalhekk saqsa hekk jinbnew dawn il-faċilitajiet, x'jiġri mit-Torri ta' San Luċjani? Is-Sur Fabri qal li Torri kellu bżonn ta' restawr u li jiġi żviluppat f'mużew. Matthew Bugeja ikkummenta li ma kienx hemm konferma li dan ser iseħħ u għalhekk ma kienx hemm pjanijiet konkreti.<br><br>Is-Sindku issuġġerixxa li s-Sur Fabri jiltaqa' mar-residenti speċjalment dawk ta' Port Ruman. Il-kunsill kien qed jirrkonoxxi li kien hemm tibdil minn dak li kien propost fl-ewwel laqgħa u dik tal-boat yard. Matthew Bugeja saqsa hekk kienx hemm flus allokati għalih u s-Sur Fabri irrefera għal budget tas-sena 2024 fejn il-gvern kien ħabbar li ġew allokati fondi. |
| **28.3** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | Id-DES preżentat l-iskeda tal-pagamenti kif ukoll il-petty cash. Din ġiet approvata u iffirmata. |
| | |
| **28.4** | **Blue Badge – Risposta** |
| | Id-DES qrat ir-risposta b'email li Sur Caruana kien għamel għal dak li kien intqal fil-laqgħa preċedenti tal-kunsill. Id-DES irrimarkat ukoll li wara is-Sur Caruana kien bagħat email b'ittra għal kunsilliera li din kienet iċċirkolata lilhom minn qabel. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku qal li hu bil-miktub ma kellux imma kien semgħu b'widnejh. Il-vot ma kienx intenzjonat sabiex iħassar il-business tiegħu imma biex il-kunsill jiddeċiedi hekk l-parkeġġ speċjali kellu jiċċaqlaq. Fil-fatt is-sindku qal li waqt il-laqgħa ma ġiex diskuss il-business. Reno Bugeja ikkonferma li l-kunsill kien qed jiddiskuti l-parkeġġ u fl-ebda ħin ma issemma' l-business.<br><br>Matthew Bugeja qal li la x-xogħol fit-triq kien ser jibda ma kienx jgħamel sens li titniżżel l-isfel issa u għalhekk kella tibqa' fejn hi. Matthew Bugeja qal ukoll li meta hu iċċekkja l-permess tal-planning waqt il-laqgħa il-permess kien ta' bieb ta' kċina u mhux garage.<br><br>Il-kunsill għalhekk qabel li din il-blue badge parking bay tibqa' kif inhi. |
| | |
| | |
| **28.5** | **Rapport Q3** |
| | L-Accountant ingħaqad f'meeting online, u qal li bħala dħul kien inqas minn dak li kien pjant dan minħabba li tnaqqsu l-fondi tal-ġbir tal-iskart. Hu qal li dħul permezz tal-byelaw kien ta' 31K. Id-Dħul b'kollox kien ta' 417K u l-infiq kien ta' 305K. L-ispejjeż amministrattivi kienu naqsu ħafna u dan u ta' kuraġġ għax hawn fejn il-kunsill seta' jkollu kontroll fuq il-finanzi. L-FSI kienet posittiva – b 16%<br><br>L-accountant qal li l-pagamenti li jsiru minn qabel kien hemm 19K li għad irridu nieħdu u l-bilanċ il-bank kien posittiv ukoll. Dawn kienu jinkludu l-grants u l-pagamenti li jsiru minn qabel. L-accountant spjega li liabilities kurrenti kienu ta' 319, 683 li jinkludi l-allokazzjoni, filwaqt li l-assi kurrenti kienu posittivi bilanċ ta' 381K.<br><br>Fuq dan il-kunsill kollu qabel. |
| | |
| | Peress li kien sar il-ħin il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 ta' Novembru 2025 fid-9.30am |
| | |
| | |

*Ikkonfermati lum 16 ta' Diċembru 2025,*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**

*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Tiffany Abela**

*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

_________________________

*Proponent*

**IFFIRMATA**

_________________________

*Sekondant*